MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 1219/2002

**Korporazzjoni Ghal Zvilupp Ta' Malta.**

**-vs-**

**Louis Bartoli & Sons Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta giet allokata il-fabbrika RL8B gewwa l-Qasam Industrijali tar-Ricasoli, limiti tal-Kalkara a

bazi ta' *letter of intent* li nharget mill-Korporazzjoni attrici u li ggib id-data tat-tletin (30) ta' Mejju, tas-sena elf, disgha mija u hamsa u

disghin (1995), kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A.

Illi s-socjeta' konvenuta kellha thallas kumpens ghal-okkupazzjoni tal-fabbrika RL8B gewwa l-Qasam Industrijali tar-Ricasoli, limiti tal-Kalkara bil-kejl superficjali ta' 1460 metru kwadru bir-rata ta' tlett Liri Maltin (Lm3) ghal kull metru kwadru ghat-tlettax (13)-il sena remanenti.

Illi lejn l-ahhar ta' l-1999, bi qbil mas-socjeta' konvenuta li ma kellhiex bzonn l-ispazju kollu ta' l-imsemmija fabbrika, din inqasmet f'zewg fabbriki u s-socjeta' konvenuta bdiet tokkupa wahda minn dawn il-fabbriki tal-kejl superficjali ta' sitt mija u tmenin (680) metru kwadru u konsegwentement ir-rata ta' kumpens ghall-okkupazzjoni dovut giet ridotta proporzjonalment.

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha bilanc pendenti ta' arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni dovuti lill-Korporazzjoni attrici skond il-prospett anness u mmarkat Dok. B.

Illi l-istess socjeta' konvenuta, minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas kumpens ghall-okkupazzjoni kif dovuta anki permezz ta' ittra ufficcjali datata Lulju tas-senta elf, disgha mija u seba u disghin (1997), kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghall-hlas ta' l-arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni

rigwardanti il-fabbrika RL8B, Qasam Industrijali tar-Ricasoli, limiti tal-Karkara.

2. Tillikwida l-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas lill-Korporazzjoni attrici mis-socjeta' konvenuta ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika RL8B, Qasam Industrijali tar-Ricasoli, limiti tal-Kalkara.

3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici is-somma hekk likwidata in linea ta' kumpens ghall-okkupazzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra s-socjeta' konvenuta, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija u tal-mandat ta' qbid li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Lawrence Zammit ID 12456(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqaset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Lulju 2004 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-korporazzjoni attrici qed titlob il-hlas ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika fuq imsemmija fil-qasam industrijali ta' ricasoli b'effett mill-1995 meta harget il-*letter of intent* sad-data tal-presentata tac-citazzjoni u cioe' t-30 ta' Ottubru 2002.

Skond id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Lawrence Zammit, allura Chairman tal-Korporazzjoni attrici, u d-dokument a fol 10 tal-process sad-data imsemmija kienet dovuta s-somma ta’ Lm11,686.83c. Dan ma giex kontradett mill-konvenuti.

**Ghalhekk il-Qorti fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tilqa’ t-talbiet kollha attrici, u tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghall-hlas ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika imsemmija, tillikwida l-ammont dovut ghas-somma ta’ hdax il-elf, sitt mija u sitta tmenin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm11,686.83c) u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas din l-istess somma ta’ Lm11,686.83c lill-korporazzjoni attrici, oltre imghaxijiet legali.**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------